# IMPERFETTA

# Perfettament

Kirsten Spiteri

merlin

## It-Tnejn, 6 ta' Mejju 2019

Waqt il-lezzjoni tal-PSCD, Mr Dimech kellimna fuq il-wet dreams. Ma nafx jekk qatt hux se jkolli waħda.

Meta naħseb fuq xi tfajla bħal Charlotte, nibda nħossni qiegħed nibbies. Imma xi drabi oħra, meta ma nkun qed naħseb fuq xejn, iqum xorta waħda. Ma nafx x'għandi nagħmel. Suppost moħħi jikkontrolla ġismi kollu. Imma milli jidher m'għandux kontroll fuq dik il-parti. Qisu għandu moħħ għalih.

Issa jekk iqumli waqt li nkun l-iskola u kulħadd jinduna, x'se nagħmel biex nerġa' rraqqdu? Naħseb se nibda nġorr ġakketta miegħi kuljum. Ħalli jekk jiġri xi ħaġa, ikolli l-ġakketta xi nqiegħed fuqu.

Filgħaxija, jien u Matt irkibna fuq ir-roti u morna s'għand Il-Karrettun. Kien hemm logħba tas-Serie A Taljana fuq il-big screen. Il-Milan kontra l-Bologna ġewwa San Siro. Il-logħba kienet tibda fis-sebgħa u nofs. Kif wasalna sibna lil Charlotte diġà hemm. Hi żżomm mal-Milan. Kienet liebsa żarbun iswed tat-takkuna, jeans

issikkat u flokk abjad. Il-jeans tant kien issikkat li stajt nagħraf eżattament il-forma perfetta ta' patattha. Sidirha kien jidher ikbar illum. Sew jgħidu li l-abjad ikabbar.

Kien hemm Jade wkoll. Ħabiba ta' Charlotte. Matt qalli li Jade naqra mqarba u mkabbra fl-istess ħin. Ma tkellmekx u titbissimlek ta' bilfors. Fiżikament gustuża. Naqra iqsar minn Charlotte.

Il-Milan rebħu. Tnejn b'wieħed. Bil-ferħ, Charlotte għannqet lili u lil Matt flimkien. Għafsitna waħda sew. Kienet l-ewwel darba li missejt lil Charlotte. Ma nistax ninsa r-riħa tfuħ li kellha m'għonqha.

**L-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2019**

L-ewwel wieħed li wasal illum kien Stephen, li ntefa' fuq l-ewwel pultruna li sab. "Sur Ruggier," qalli Stephen, "allura kif tinkiteb *Niċe*?"

"Tinkiteb N-I-E-T-Z-S-C-H-E," irrispondejtu jien.

Stephen kien liebes tracksuit u kellu riħa t'għaraq taqsam. Milli jidher, kien għadu kemm jispiċċa jilgħab xi logħba futbol.

Warajh wasal Jacob, li ħareġ mill-ewwel il-fajl u libes in-nuċċali tal-vista biex jibda l-lezzjoni.

Fl-aħħar waslet Charlotte liebsa jeans imqatta' fuq irkopptejha u flokk qasir li jħallilha ż-żokra mikxufa. Għandha sbatax-il sena, u tifla sabiħa, anzi, sabiħa ħafna, kif suppost ikunu t-tfajliet ta' dik l-età. Ġieli noqgħod nimmaġinaha għarwiena u nispiċċa ma nkunx nista' norqod. Charlotte hija kapulavur tan-natura! Lilha ma tantx jinteressaha Nietzsche. Lanqas xejn.

Bdejt il-lezzjoni billi spjegajtilhom li meta kien żagħżugħ, lil Nietzsche kienu jiġbduh ħafna l-mużika, il-poeżija u s-solitudni.

## L-Erbgħa, 15 ta' Mejju 2019

Dal-lejl ħlomt b'Charlotte. Kienet ħolma qasira. Il-ħolma bdiet billi nfetaħ il-bieb ta' kamarti u daħlet Charlotte. Kienet liebsa nightdress bajda u ħafifa. Tan-nofs komma. Stil Vittorjan. Minn dawk li jinfetħu min-nofs. Imxiet bil-mod sakemm waslet quddiemi, waqt li jien qomt bilqiegħda fuq is-sodda. Ħarisna f'għajnejn xulxin għal ftit sekondi, u hi tbissmitli. Imbagħad qomt bilwieqfa, u ftaħtilha n-nightdress. Hi ħallietha taqa' mal-art. Taħt in-nightdress ma kellhiex ħwejjeġ ta' taħt. Sidirha kien imqajjem, qisha qiegħda tħoss xi ftit tal-frisk. Ħarsti niżlet 'l isfel saż-żokra. Imbagħad iktar 'l isfel sa bejn saqajha. Bqajt iċċassat għal ftit sekondi. Il-farfett kien ifuħ, u ma kienx imqaxxar.

Qomt maħsud. Kien sebaħ. Bdejt inħossni mxarrab, u kelli xi ħaġa tweħħel mal-piġama. Xi l-madonna ġrali?

Stenna, stenna. Forsi kelli wet dream. Probabbli. Immaġinajt differenti imma. Ħsibt li se nħossni iktar imxarrab.

Issa *x*'se naqbad nagħmel? Forsi għandi

nibqa' fis-sodda l-ġurnata kollha. Imma jekk nagħmel hekk, ommi ċċempel lit-tabib, u dak probabbilment jgħidilha l-verità. Aħjar inqum. Imma x'se nagħmel bil-piġama? L-ewwel ħaġa, irrid inqum u nbiddel. Hekk għamilt.

Tfajt il-piġama għall-ħasil. Meta rritornajt f'kamarti, poġġejt fuq is-sodda. Kien hemm tebgħa fuq il-liżar u missejtha. Kienet għadha mxarrba! Dat-tip ta' tbajja' jitilqu? Qbadt naqra tissues u bdejt nimsaħ.

Nista' nbiddel il-liżar. Imma hekk tiġi tidher agħar, peress li jien għażżien u qatt ma biddilt lożor f'ħajti. U ommi tista' taħseb li għamilt taħti qisni tifel żgħir. Le, se nħalli l-liżar kif inhu, u niċċekkjah mill-ewwel wara l-iskola.

Kelli ġurnata terribbli. Ma stajtx nikkonċentra waqt il-lezzjonijiet, u l-għalliem tal-Ingliż għajjat miegħi għax kelli moħħi xi mkien ieħor. Mhux bilfors?! Bqajt naħseb li kif nasal id-dar, se jkun hemm il-familja kollha, u kulħadd se jkun jaf xi ġrali.

Kif spiċċajt mill-iskola, ġrejt ġirja sad-dar. Ħadd ma kien qiegħed jistennieni. Ommi lanqas

kienet id-dar. Serraħt moħħi. Tlajt niġri f'kamarti, għalaqt il-bieb, u għollejt il-bedspread. Xi ħadd kien bidel il-liżar! Dak li kelli dalgħodu kien bl-istrixxi, u dan huwa kompletament ċelesti. Min bidel il-liżar? Forsi ommi?

## Il-Ħamis, 16 ta' Mejju 2019

Fl-aħħar staqsejt lil ommi jekk tistax tixtrili tromba. Niżlet isfel u smajtha tgħid lil missieri, "Wade jrid tromba."

"Tromba?" staqsa missieri.

"Hekk qalli."

"It-tromba *x*'se jagħmel biha?"

Jien kont qiegħed nisma d-diskussjoni kollha minn wara l-bieb. Ommi reġgħet telgħet fuq u qaltli, "It-tromba *x*'se tagħmel biha?"

Kelli t-tweġiba ppjanata sew. "Nara l-istilel," għedtilha.

"Stilel?" staqsietni ommi.

"Iva," irrispondejt jien. "Dan l-aħħar qrajt ktieb jismu *The Stars and Their Legends* ta' Roy Worvill, u issa nixtieq nidentifika l-kostellazzjonijiet li rajt fil-ktieb, imma għandi bżonn tromba jew teleskopju."

Ommi tbissmet u qaltli, "Taf li dan mhux l-aqwa żmien għalina għal spejjeż żejda, imma issa nippruvaw insibulek xi tromba naqra rħisa.

Imbagħad iktar 'l quddiem forsi nixtrulek teleskopju wkoll."

Kont ċert li se jixtruhieli.